**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 29 TA' APRIL, 2002**

**Avviz Nru: 1214/01 AJD**

**Christopher u Josianne Vella**

**vs**

**Charles u Mary konjugi Dingli**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Ottubru, 2001, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' tmenin lira Maltin (Lm80.00) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuti.
Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali datata 8 ta' Ottubru, 2001, u bl-imghax, kontra l-konvenuti.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn eccepew:-

1. Illi t-talbiet attrici huma preskritti;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut Charles Dingli kien widdeb lill-attur Christopher Vella biex ma jbiehx aktar merkanzija lil martu Mary Dingli u li jekk dan isehh, ma kienx ser jonora tali dejn;
3. Illi l-atturi qatt ma taw rendikont / ircevuta tal-oggetti allegatament mibjugha lill-konvenuti.
4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra s-sentenza tieghu tal-15 ta’ Marzu, 2002, fejn giet michuda l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti.

Sema' x-xhieda tal-atturi u tal-konvenuti. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ra l-verbal tas-seduta tas-17 ta’ April, 2002, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq il-mertu.

Ikkunsidra:

1. Illi l-atturi qed jitolbu l-kundanna ghall-hlas tal-konvenuti fis-somma ta’ tmenin lira Maltin (Lm80.00) rapprezentanti prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuta.

2. Illi l-attur Christopher Vella kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

3. Illi l-konvenuti ma ressqux provi sabiex jissostanzjaw l-eccezzjonijiet taghhom fil-mertu.

Ghaldaqstant, peress li t-talbiet attrici jirrizultaw soddisfacentement pruvati, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ tmenin lira Mlatin (Lm80.00).

L-ispejjes ta' dina l-istanza jithallsu nterament mill-konvenuti skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**